# L-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali (IIP): Frar tal-2024

NR 064/2024 Data tal-Ħruġ: 11 ta' April 2024 Data tal-Għeluq: 05 ta' April 2024

*Fi Frar tal-2024, il-produzzjoni industrijali naqset b'5.2 fil-mija meta mqabbla ma' Frar tal-2023.*



L-Indiċi tal-Produzzjoni Industrijali (IIP) huwa indikatur taċ-ċiklu tan-negozju. Kull xahar, huwa jiħu qies bikri tat-tibdil fil-volum tal-produzzjoni industrijali tan-negozji domestiċi fil-manifattura, l-enerġija, u l-barrieri f'Malta.

**Il-Produzzjoni Industrijali Sħiħa – Tqabbil mas-sena ta' qabel**

Fi Frar tal-2024, l-indiċi tal-produzzjoni industrijali naqas b'5.2 fil-mija meta mqabbel mal-istess xahar tal-2023. Meta kienet eskluża l-enerġija, l-Indiċi naqas b'5.3 fil-mija (Ċart nru 1).

## Ċart nru 1. Paragun annwali tal-produzzjoni industrijali sħiħa

Id-differenza perċentwali li toħroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta' qabel




**Il-Produzzjoni tal-Manifattura – Tqabbil mas-sena ta' qabel**

Fi Frar tal-2024, il-produzzjoni tal-manifattura naqset b'5.4 fil-mija. L-akbar tnaqqis kien irreġistrat fil-produzzjoni tal-injam, prodotti tal-karta u l-istampar (21.8 fil-mija). Wara dan, kien hemm tnaqqis fil-produzzjoni ta' manufattura oħra (9.1 fil-mija) u fil-produzzjoni ta' prodotti tal-kompjuters, tal-elettronika, tal-vista, u ta' vetturi bil-mutur (8.8 fil-mija). Min-naħa l-oħra, il-produzzjoni ta' prodotti kimiċi u tal-farmaċewtika, u l-produzzjoni ta' prodotti tal-ikel u tax-xorb żdiedet b'14.9 fil-mija u b'7.0 fil-mija, rispettivament (Ċart nru 2).

## Ċart nru 2. Il-produzzjoni tal-manifattura - paragun annwali ta' ċerti oqsma

Id-differenza li toħroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta' qabel




**Il-Produzzjoni Industrijali – Tqabbil mas-sena ta' qabel imqassam bl-iggruppar industrijali ewlieni**

Il-Gruppi Industrijali Ewlenin (MIGs) jagħtu analiżi alternattiva tal-istatistika tal-attivitajiet ekonomiċi kklassifikati skont kategoriji ta' użu aħħari. Huma jgħaqqdu flimkien diversi taqsimiet, gruppi u klassijiet tan-NACE (ara t-tabella metodoloġika għal aktar tagħrif).

Fi Frar tal-2024, il-produzzjoni tal-oġġetti tal-konsum u tal-enerġija naqset b'10.4 fil-mija u b'7.0 fil-mija, rispettivament. Għall-kuntrarju ta' dan, kien hemm żidiet ta' 11.4 fil-mija fil-produzzjoni tal-oġġetti intermedji u ta' 6.2 fil-mija fl-oġġetti kapitali (Ċart nru 3).

## Ċart nru 3. Paragun annwali maqsum bl-iggruppar industrijali ewlieni

Id-differenza perċentwali li toħroġ mit-tqabbil mal-istess xahar tas-sena ta' qabel




**Il-Produzzjoni Industrijali aġġustata għall-effetti tal-istaġun – Tqabbil max-xahar ta' qabel**

Dehra aktar ċara tal-iżviluppi ekonomiċi tista' tinkiseb meta l-indiċijiet ikunu aġġustati għall-effetti tal-istaġun. Dawn l-effetti, li jitfaċċaw minn żmien għal żmien, jitneħħew mis-serje tal-indiċi sabiex ikunu jistgħu jsiru l-paraguni xahar ma' xahar (ara l-punti metodoloġiċi 5 u 6).

Fi Frar tal-2024, l-indiċi tal-produzzjoni industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun żdied bi 2.1 fil-mija meta mqabbel max-xahar ta' qabel sabiex laħaq 105.6 punti (2021=100) (Ċart nru 4).

## Ċart nru 4. L-Indiċi tal-produzzjoni industrijali aġġustat għall-effetti tal-istaġun

Indiċi (2021 = 100)

